# Ġrajja ta' Erba' Daqqaqa fil-Milied tas-Sena 1603

Mikiel Fsadni

Kien lejliet il-Milied tas-sena 1603, qrib nofsillejl. Miġemgħa ta' Nsara, l-aktar nisa u tfal, kienu diġà fil-knisja tal-Lunzjata, il-Birgu, biex jieħdu sehem fl-Uffizzju Divin u fit-tliet quddisiet li kull sena, f'dik il-lejla, kienu jsiru mill-patrijiet Dumnikani. Kienu għadhom ma daqqewx il-qniepen tal-funzjoni. Għalhekk il-patrijiet kollha – saħansitra P. Damiano Taliana li ftit qabel kien iqarar fil-kor – kienu f'kamarthom jistrieħu xi ftit; iżda fil-knisja kien hemm il-fratell koperatur Giacomo Randazzo, Dumnikan barrani li ma kienx ilu wisq f'Malta; dan ukoll mar jistrieħ daqsxejn fil-kappella tal-Madonna tal-Kandlora.

F'dan il-waqt daħlu erba' rġiel u daru dawra mal-knisja tal-Lunzjata mdawla biss bi ftit imsiebaħ. L-irġiel kienu Battistino d'Arena, l-aħwa Gaspare u Petrillo Saliba, ulied Giuseppe, u Pasquale Vella, negozjant. L-erbgħa kienu Maltin joqogħdu l-Birgu. Tneħħi lil Petrillo, l-oħrajn kienu miżżewġin. Battistino fuq ħwejġu kellu mantar abjad tat-Torok; Pasquale kellu mantar iswed u kappell bħal tal-patrijiet. Kull wieħed minnhom kellu x-xabla fuqu.

Battistino u Gaspare sabu post bilqiegħda biswit il-kappella tal-Madliena, qrib il-fonti tal-ilma mbierek. Pasquale u Petrillo baqgħu sejrin lejn il-kappella żgħira u umda tal-familja De Avoli; din kienet ħdejn il-bieb iż-żgħir tal-knisja, jagħti għall-kjostru tal-kunvent tal-patrijiet Dumnikani. Pasquale reġa' lura, mar ħdejn Battistino u talbu jisilfu l-mantar abjad. Pasquale neħħa x-xabla minn fuqu, libes il-mantar abjad li tah Battistino u xedd il-mantar iswed fuq kollox;

imbagħad reġa' mar lejn il-kappella De Avoli, li kienet l-aktar waħda mudlama fost il-kappelli tal-knisja.

Flimkien mat-tfal miġbura fil-knisja biex iqerru kien hemm Domenico Farrugia, ta' 14-il sena, lavrant mal-ħaddied Giuseppe Saliba, missier Gaspare u Petrillo. Dan it-tifel kien ftit baħnan. Petrillo biex jiċċajta u jiddieħak bih qallu: "Menico, jekk trid tqerr mur f'dik il-kappella"; sewwasew fejn kien daħal Pasquale liebes qisu Dumnikan. L-istess ħaġa qallu Battista, wieħed mit-tfal li kien hemm fil-knisja. Pasquale, meta sema' lil Domenico jitolbu ħalli jqerr, issokta ċ-ċajta goffa: ġiegħlu jgħid il-'confiteor' bil-Malti, u beda taparsi jqarru. Xi wħud qalu li raw lil Domenico jagħti żewġ ħabbiet karità lill-konfessur.

Malli t-tfal, li kienu aktar minn tletin wieħed – fosthom Vincenzo li jdoqq il-qniepen lill-patrijiet – intebħu bil-farsa, infexxu f'daħka liema bħalha. Battistino u Gaspare, li kienu jistrieħu u ħadu xi nagħsa wkoll stenbħu; Gaspare, li ma kienx għadu jaf x'ġara sew, ta'xejn beda jsikket lit-tfal. Għalhekk wieħed mit-tfal qallu: "Mgħallem, ejja ara l-lavrant tagħkom li qiegħed iqerr għand wieħed li ħasbu konfessur" u Gaspare mar; u kif lemaħ lil Domennico għarkopptejh quddiem Pasquale beda jlewmu bl-aħrax: "Iblah, x'int tagħmel, ma tarax li dak mhux patri? Qegħdin jiddieħku bik."

Il-fratell Giacomo, li kien rieqed fil-kappella tal-Kandlora, stenbaħ bil-għajjat u bid-daħk; mar jara x'ġara. Malli Pasquale ra lil Fra Giacomo, bla ma qagħad iqis kif kien liebes, fis telaq jiġri 'l barra mill-bieb iż-żgħir tal-knisja b'qatta tfal jiġru u jgħajtu warajh. Petrillo, Battistino u Gaspare, sħab Pasquale, ħarġu wkoll mill-knisja jiddieħku bih. In-nisa twajba, skandalizzati b'dak li ġara bdew jgħidu: "Kif tridu li Alla jagħtina x-xita, ma tarawx x'inhuma jagħmlu fil-knisja?" Kif kienu barra, Gaspare lewwem lil Pasquale dwar għemilu u qallu: "Xi bluhat huma dawn li qed tagħmel? Ma tafx li tista' tiġi kkastigat sewwa talli għamiltha ta' konfessur?" Pasquale wieġbu: "Kienu ħuk Petrillu u wieħed mit-tfal li bagħtu lil Domenico jqerr għandi, u jiena biex niddieħak bdejt inqarru." Imbagħad kulħadd telaq għal rasu. Gaspare, wara li għadda sad-dar tiegħu, baqa' sejjer jisma' t-tliet quddisiet li qaddes Dun Francesco Scarpello fil-knisja taċ-ċimiterju ta' San Lawrenz li kien jieħu ħsiebha Fra Mariano.

* * *

Battistino, Gaspare, Petrillo u Pasquale kienu Nsara twajba – hekk kienu magħrufa min-nies tal-Birgu – iżda l-għemil tal-aħħar tnejn fil-knisja tal-Lunzjata xejn

ma hu ta' min ifaħħru. Tassew li dawn kienu għadhom fl-aħjar ta' żgħożithom; Petrillo kellu biss 18-il sena u Pasquale 22 sena; fuq kollox kienu mlaħilħin sew bl-inbid li xorbu meta marru jdoqqu għand ħbiebhom. Għall-anqas tlieta mill-erbgħa msemmija kienu daqqaqa. Huma, nhar lejliet il-Milied tas-sena 1603, siegħa wara nżul ix-xemx, ħadu ċ-ċetra – strument bil-kordi jindaqq bl-idejn jixbah l-arpa ċkejkna – it-tanburett u l-flawt, u xeħtuha għal għand ħbiebhom. Fit-triq ingħaqad magħhom Bastiano, skjav jew qaddej tal-Kavallier Fra Gabriele Rossetto, bl-istrument imsejjaħ ljut jew rebekk. Dan l-istrument kellu għamla ta' vjolin bl-ark imqawwas.

Tabilħaqq, ix-xirka tad-daqqaqa msemmija kienet imlaqqgħa tajjeb ħafna. Bla tlaqliq xejn, id-daqq ħelu tal-ljut, bħad-daqq tal-vjolin, u d-daqq tal-flawt, flimkien mal-akkompanjament taċ-ċetra, jew arpa tal-idejn, u tat-tanburett issokta jferraħ dik il-lejla tal-Milied f'kull dar li żaru. Iżda ġara li xorbu nbid wisq. Flimkien ma' Antonino Nigo u ħbiebu, Franċiżi, legilgu madwar għoxrin kartoċċ inbid jew daqs tmenin terz; reġgħu xorbu fid-dar tal-Kaptan Simone fejn kien hemm il-Kaptani Vinciguerra u Scipione Cortese u oħrajn; wara, marru jdoqqu u jixorbu wkoll fid-dar tal-imsemmi Kaptan Scipione. Wara, Giovanni Paola Fiteni u Claudio, Franċiż, rawhom xurbana qed jaqsmu l-misraħ tal-Birgu. Bastiano aktarx kien diġà telaqhom.

Wara din il-lejla ferrieħa żżejjed marru fil-knisja tal-Lunzjata bil-fehma li jistrieħu u jisimgħu l-Uffizzju Divin u t-tliet quddisiet. Huma u sejrin Battistino ħalla ċ-ċetra u t-tanburett fid-dar ta' Giovanni Paolo Fiteni u ħa l-mantar abjad li kellu hemm. Meta marru fil-knisja, kif diġà ntqal, ħarbtu l-ħemda u l-qima tal-lejl tas-skiet u qaddis, il-lejl tal-Milied.

L-għada stess, nhar il-Milied tas-sena 1603, inbeda l-proċess kontra Battistino d'Arena, Gaspare u ħuh Petrillo, u Pasquale Vella, quddiem l-Inkwiżitur ta' Malta Mons. Fabrizio Verallo. Fost ix-xhieda kien hemm żewġ Dumnikani mill-kunvent tal-Lunzjata: P. Mariano Casarella u Fra Giacomo Randazzo. Fil-5 ta' Jannar ingħataw lill-mixlija tmint ijiem żmien biex iħejju d-difiża tagħhom. L-erba' msemmija ġiebu stqarrijiet li huma kienu Nsara twajba; barra minn hekk, Pasquale u Petrillo ressqu wkoll stqarrijiet li huma f'dik il-lejla tal-Milied kienu wisq xurbana bl-inbid li legilgu mingħand ħbiebhom. Il-kawża nqatgħet fit-2 ta' Frar tas-sena 1604. Battistino u Gaspare ġew meħlusa, waqt li Pasquale u Petrillo nstabu ħatjin. Dawn it-tnejn weħlu multa ta' ħamsin skud kull wieħed; barra

minn dan riedu jqerru u jitqarbnu, għal erba' snin, fil-festi tal-Għid, tat-Tlugħ tal-Madonna fis-sema u fil-Milied. Riedu wkoll, għal erba' snin, isumu ħobż u ilma f'lejliet il-Milied. Petrillo ried ukoll imur sal-knisja tal-Madonna tal-Grazzja (Ħaż-Żabbar), liebes ta' fratell, ħafi u jagħti bid-dixxiplina matul it-triq kollha.

Din il-ġrajja tal-erba' daqqaqa, kif inhi miktuba, hi tabilħaqq minnha. Ma fiha xejn miżjud ħlief it-tifsir taż-żewġ strumenti (iċ-ċetra u l-ljut jew ir-rebekk) u kemm iġibu għoxrin kartoċċ inbid. Għal dawn iż-żidiet meħtieġa jintradd ħajr lis-Sur Erin Serracino Inglott. L-irqaqat imfissra fil-ġrajja msemmija huma tassew interessanti għat-tagħrif tad-drawwiet Maltin, l-aktar ta' żmien il-Milied, fil-bidu tas-seklu sbatax.

*Il-Bord Editorjali ħaseb li jitlob lil Patri Mikiel Fsadni, jorqom l-istudju u jżid ir-referenzi biblijografiċi tad-dokumenti li kiteb fuqhom. B'xorti ħażina, sirna nafu li saħħtu kienet batuta u fil-fatt, ħalliena fit-18 t' April, 2013, meta x-xogħol fuq din il-pubblikazzjoni kien diġà fi stadju avvanzat. Wara li l-Bord Editorjali kkunsidra l-valur ta' din l-aħħar kitba ta' Fsadni li nafu biha sa issa, iddeċieda li għandha tidħol f'dil-ħarġa kif mgħoddija mill-awtur innifsu.*